

*Il-Kor Lauretana waqt il-Velja ta' Talb*

# Velja Marjana

Fil-Misraħ tal-Knisja Arċipretali tal-Madonna ta' Loreto, f'Għajnsielem, saret Velja Marjana li bdiet b'mumenti ta' talb u kant f'riġlejn Marija.

Wara ttellgħet preżentazzjoni permezz ta' *Power Point* fuq diversi qaddisin li kienu devoti kbar ta' Marija kif ukoll saru riflessjonijiet dwar Loreto u l-ħajja ta' Marija.

Dun Manwel Magro fisser u ħareg tagħlim mill-Bibbja dwar it-tieġ ta' Kana. Ma naqsux kelmtejn qosra mill-Arċipriet il-Kanonku Frankie Bajada.

Il-Velja spiċċat bil-Barka Sagramentali.

Ħa sehem ukoll il-Kor Lauretana taħt id-direzzjoni tad-direttur tiegħu, Lelio Spiteri.



*L-Għajnselmiżi miġbura għal mument ta' talb*



*It-tfal kollha ferħanin ikantaw flimkien fuq il-Palk tal-Oratorju Don Bosco fi tmiem il-Varjetà*

# Varjetà tal-Aħħar

Fl-Oratorju Don Bosco, fir-Rabat, Għawdex, ittellgħet Varjetà minn 'Il fuq minn mitejn tifel u tifla biex jiġi ċċelebrat tmiem il-kamp tas-Sajf li attendew għalih b'tant entużjażmu u ħeġġa.

L-attività kienet tinkludi drama, żfin u logħob ieħor. L-istess attività ttellgħet ukoll fil-Bajja ta' Marsalforn.

F'kelmtejn tal-okkażjoni, id-Direttur tal-Oratorju Don Bosco, Dun Effie Masini, irringrazzja lil dawk kollha li matul il-ġranet tas-sajf taw il-kontribut siewi u volontarju tagħhom biex setgħet għal darb'oħra ssir din l-iskola sajf. Ringrazzjament xieraq mar ukoll lejn il-liders studenti u żgħażagħ li d-dedikazzjoni u l-ħidma tagħhom kienet indispensabbli biex setgħet issir ukoll din l-attività.



*Waqt l-attività Varjetà tal-Aħħar fl-Oratorju Don Bosco*

## AĦBARIJIET MINN GĦAWDEX ma' Charles Spiteri





*Swor Maria Giustina Bonello tingħata tifkira tal-okkażjoni mill-Arċipriet Carmelo Refalo*

# Tfakkar il-Ġublew tad-Deheb

Fl-okkażjoni ta' Jum il-Ħajja Ikkonsagrata, iċċelebrata fil-Parroċċa Bażilika ta' Marija Bambina, fix-Xagħra, nhar it-Tnejn 31 ta' Awwissu, l-Arċipriet Mons. Carmelo Refalo, mexxa quddiesa solenni, biex ifakkar il-Ġublew tad-Deheb ta' Swor Maria Giustina Bonello O.S.B. tas-Sorijiet Klawstrali Benedittini.

Swor Maria Giustina Bonello, li hi mir-raħal tax-Xagħra, hi l-Badessa tas-Sorijiet Klawstrali Benedittini, fil-Monasteru ta' Santa Marija Maddalena fil-provinċja ta' Umbria, l-Italja,

Lejn tmiem il-quddiesa, li għaliha b'mod partikulari attendew bi ħġarhom ix-Xagħrin fosthom il-Komunità tas-Sorijiet Franġiskani, membri tal-Istitut Sekulari, il-Komunità *Spigolatrici della Chiesa* u lajċi kkonsagrati, l-Arċipriet Refalo, ippreżentalha platt tal-fidda bl-imaġni ta' Marija Bambina bħala tifkira.



*Il-Kappella tal-Martri San Mawrizju hekk kif issa ġiet restawrata*

# Inawgurat xogħol ta' Restawr

F'Jum is-Solennità tas-36 Anniversarju mill-Inkurunazzjoni tal-Istatwa Titulari ta' Marija Bambina, jum ta' għaqda intima tax-Xagħrin mal-Bambina, fil-Knisja Bażilika ta' Marija Bambina fir-raħal tax-Xagħra, nhar l-Erbgħa 2 ta' Settembru, l-E.T. Mons. Isqof Nikol G. Cauchi, Isqof Emeritu tad-Djoċesi Għawdxija, mexxa Konċelebrazzjoni Pontifikali Solenni, flimkien mal-W.R.mu Kapitlu Kolleġġjali u l-Kleru tal-Parroċċa li fiha niseġ il-paneġierku tal-okkażjoni. Ġiet esegwita l-quddiesa *San Antonio*, b'erba' vuċijiet, tas-Surmast Nazzarenu Refalo bis-sehem tas-solisti u l-Kor Marija Bambina. L-orkestra kienet taħt id-direzzjoni ta' Ronald Camilleri. Fi tmiem din iċ-ċelebrazzjoni l-E.T. Mons. Isqof Nikol G. Cauchi inawgura uffiċjalment ix-xogħol ta' restawr estensiv li sar fil-Kappella ta' San Mawrizju.

Ir-restawr ġie afdat f'idejn ir-restawratur magħruf Żejtuni, Emmanuel Zammit waqt illi diversi xogħlijiet oħra, saru min-nies tal-lokal taħt is-sorveljanza tas-Sur Zammit.

Il-pittura ta' Virginio Monti saret fl-1930 u tħallset mill-Kappillan ta' dak iż-żmien Mons. Maurice Cauchi.

**Dizzjunarju - Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino-Inglott -** *Hard Cover*



Waslilna Dizzjunarju-Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino Inglott.
Dizzjunarju tajjeb ħafna għall-użu ta' kull Malti
Dan id-Dizzjunarju jinsab għall-bejgħ mill-Uffiċċju ta' **The Maltese Herald PO Box 330 Merrylands NSW 2160**
jew billi ċċemplu fuq **(02) 9637 9992**
**Prezz ta' $45 u żidu $10 għall-posta.**
***Dan hu d-Dizzjunarju li qed jintuża għat-Tisliba tagħna***